MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2008

Appell Kriminali Numru. 502/2007

**Il-Pulizija**
**(Surg. Jason Grima)**
**Vs**

**Jennifer Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-15 t'Awissu, 2007, naqset li taghti l-access tat-tifel Kurt Bonello lil Ian Bonello, irrifjutat li taghmel dan minghajr ebda raguni xierqa, hekk kif inhu mahrug (Sic!) mill-Onor. Imhallef Dr. Joseph Azzopardi LL.D., b' digriet numru 226/06 datat 28 ta' Settembru, 2006.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-10 ta' Dicembru, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 338(II) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanti hatja tal-imputazzjoni dedotta

kontrieha, w ghaldaqstant ikkundannatha ghal gimgha (1) detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-24 ta' Dicembru, 2007, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha, thassar, tannulla w tikkancella s-sentenza appellata billi tilliberaha minn kull imputazzjoni htija w piena, salv dak li din il-Qorti joghgobha tordna.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet ix-xhieda ta' Ian Bonello w Vincent Bonello fis-seduta tal-lum.

Rat il-verbal li bih Dr. Luciano Busuttil ghall-appellanti, wara li instemghu l-provi tal-prosekuzzjoni, llimita' l-appell tieghu ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti w li bih l-istess appellanti rrtirat l-aggravji l-ohra kollha.

Rat il-verbal li bih il-parte civile Ian Bonello ddikjara li miz-zmien tac-citazzjoni 'l hawn ma kienx hemm aktar problemi dwar l-access u ghalhekk, fic-cirkostanzi, ma kienx qed jinsisti fuq il-piena karcerarja.

Rat il-verbal li bih Dr. Lara Lanfranco ghall-prosekuzzjoni rrimettiet ruhha stante dan l-izvilupp.

Ikkonsidrat

Illi in vista tal-fatt li mis-sajf li ghadda 'l hawn ma regghux irrepetew ruhhom problemi dwar l-access tal-minuri Kurt Bonello bejn l-omm u l-missier, biex ma tigix ezasperata s-sitwazzjoni bejn dawn iz-zewg genituri b'mod li jista' jsofri biss il-minuri Kurt Bonello u hadd iktar, tara li fic-cirkostanzi ikun opportun u xieraq li jkun hemm temperament fil-piena billi din tinbidel minn wahda karcerarja ghal wahda pekunjarja.

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet htija dwar l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti w tirrevokaha in kwantu kkundannataha ghall-piena ta' gimgha detenzjoni w minflok tikkundannaha ghall-piena ta' tminja w hamsin Ewro w tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23) ammenda li, jekk ma tithallasx illum stess, tigi konvertita f'hamest ijiem detenzjoni skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------